

# Mill-Mellieħa sal-Assedju

Anthony Fenech

Ħarist lejn tiegħek għerienek
B’fuqhom rajt tax-xemx id-dija
Bi ġrajjietek hemm miktuba
Ta’ dawk niesek l-imgħoddija!

Illi kienu minn tal-ewwel
Misruqa jew maqtulin
Ħafna oħrajn sofrew il-jasar
Taħt il-kiefra misilmin!

U x-Xbieha ta’ Marija
Li fil-għar xi ħadd pinġiha
Kienu wkoll nies Melleħin
Li minnhom ġiet din mgħottija!

Dawk il-ħallelin tal-baħar
Kif hekk kienu magħrufin
Serqu u qattgħu lil min sabu
Nies f’għerien ġew imgħallqin!

Beda l-għadu jaqta’ qalbu
Meta jfittex mar fil-għar
Komplew kibru d-devoti
Minkejja dak li kien sar!

Għal darba’ħra l-Mislem tfaċċa
Bosta minnhom reġgħu ġew
Taħt l-għerien minn ta’ Kemmuna
Hemmhekk marru jistaħbew!

Issa l-qawwa tan-Nofs Qamar
Assedjat ħafna Maltin
Il-furbani ġrew lejn Malta
Ma baqgħux mistoħbijin!

Żbarkaw niżlu fil-Mellieħa
Billi kienu mwerwrin
Għax l-għajnuna minn Sqallija
Rawha ġejja dak il-ħin.

Il-Maltin ħarġu bi ħġarhom
Spalla m’oħra ma’ tal-Birgu
Waqt li t-Torok bdew jaħarbu
Lejn ix-xatt il-kenn ifittxu…

Kif il-qawwa tal-għedewwa
Assedjat lilna l-Maltin
Riġment Torok mill-Mellieħa
Lejn il-Birgu bdew resqin!

Ħafna minnhom dabbru rashom
Xħin fil-Port feġġew ix-xwieni
Kienet telfa kbira għalihom
Mal-wasla tal-Kavallieri!

Dlonk il-qniepen bdew idoqqu
Biex iservu ta’ sinjal
Bosta bnadar dehru jperpru
Fuq il-bjut ta’ ħafna djar!

T’kull sena f’Malta u Għawdex
L-akbar festa qed naraw
Li għaqqditna poplu wieħed
Bir-raġun niċċelebraw!

Għax għalina rebħa kbira
Bil-Mislem jisfa’ tellief
B’hekk bix-xieraq li l-Mellieħa
B’Titular din issemmiet!

Sew is-sebgħa u kemm it-tmienja
Ta’ Settembru huma għalina
Il-Vittorja fuq l-għedewwa
U t-twelid t’Ommna Marija!

*Din il-poeżija ġiet ispirata minn tagħrif misjub fl-istorja tal-Mellieħa u mgħoddi lill-awtur mill-mibki Jimmy Muscat.*